31990D0023

ID-DEĊIŻJONI TAL- KUNSILL
tad– 29 ta' Settembru 1989
li tirrigwarda l-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, tal-Ftehim Kwadru għal kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r- Repubblika ta' l-Islanda

(90/23/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130q tiegħu (2),

Wara li kkunsidra l-proposta tal- Kummissjoni [1], b'kooperazzjoni mal- Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi, permezz tad-Deċiżjoni tiegħu 87/516/Euratom, KEE [4], kif emendata mid-Deċiżjoni 88/193/Euratom, KEE [5], il-Kunsill adotta programm kwadru għall-attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku (1987 sa 1991) kif provdut fl-Artikolu 130i tat-Trattat;

Billi l-programm kwadru jkopri l-azzjonijiet Komunitarji kollha fil-qasam ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku;

Billi, fl-implimentazzjoni tal- programm kwadru għall- attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku, huma meħtieġa dispożizzjonijiet li jirrigwardaw kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b' mod konformi ma' l-Artikolu 130n tat-Trattat;

Billi huwa meħtieġ li jiġu possibilment konklużi ftehim futuri speċifiċi mar-Repubblika ta' l-Islanda skond l-Artikolu 130n tat-Trattat li jitpoġġew fil-kuntest ġenerali u li għalhekk għandu jiġi approvat Ftehim Kwadru għall-koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika ta' l-Islanda.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il- Ftehim Kwadru li jirrigwarda kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r- Repubblika ta' l- Islanda qiegħed bis-saħħa tal-presenti jiġi approvat f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It- test tal- Ftehim Kwadru huwa mehmuż ma' din id- Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal- Kunsill għandu jagħti n-notifika msemmija fl-Artikolu 12 tal-Ftehim f'isem il- Komunità Ekonomika Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Settembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ÉVIN

---

[1] ĠU C 273, tat-22.10.1988, p. 4.
[2] ĠU C 120, tas-16.5.1989, p. 72 u ĠU C 256, tad-9.10.1989, p. 51.
[3] ĠU C 102, ta' l-24.4.1989, p. 15.
[4] ĠU L 302, ta' l-24.10.1987, p. 1.
[5] ĠU L 89, tas-6.4.1988, p. 35.